MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 522/2003

**HLB Advisory Services Limited
vs**

**Future Furniture Limited**

**It-Tribunal,**
**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-7 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' elf u tlett mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1395.50), rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' servizzi provduti mis-socjeta` attrici lill-konvenut kif ukoll l-ispejjez legali li ntefqu sad-data ta' l-avviz sabiex is-sorte tigi imhallsa, u dan oltre l-interessi fuq l-istess ammont sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez tal-kawza.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr Stephen Mifsud li kkonferma li l-ammont imsemmi ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Art.13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u tlett mija u hamsa u disghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm1395.50) bl-imghaxijiet legali mill-21 ta’ Gunju, 2003.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------